**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 147/19/B

Giuseppa Cacciottolo
Vs
APEX Lifts Ltd - Emanuel Deguara

Illum, 22 ta' Gunju, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fl-10 t' Ottubru 2019 li permezz tieghu hija talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas tal-ispejjez ghal door damber kif ukoll tikkundanna danni morali fl-ammont ta' sebgha mitt Euro (€ 700)

Ra illi l-intimat ma pprezentax risposta ghall-avviz tar-rikorrenti pero ikkontesta t-talba mressqa waqt is-seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti xehdet bil-gurament illi hija persuna anzjan u ghandha id-dar taghha fuq tlett (3) sulari u ghalhekk il-lift huwa essenzjali ghall-mobbilita taghha. Tghid illi l-istess lift kien ilu bil-hsara tant illi mill-prezentata talavviz sal-gurnata tax-xhieda taghha l-lift baqa' bil-hsara peress li l-intimat qal li ma kellux parts.

Illi r-rikorrenti tispjega illi l-lift daqqa jahdem u drabi ohra le tant illi hija ferm limitata bl-uzu li tista taghmel f'darha stess bil-biza' illi tkun fil-lift u dan jieqaf jahdem.
Illi xehdet fil-gurament Marlene Mizzi fejn spjegat illi ommha, r-rikorrenti, kienet qed issofri hafna minhabba t-traskuragni tas-socjeta' intimata li baqghet ma tatx kaz illi l-lift ried jintuza minn persuna anzjana. Di piu, xxhud stqarret illi s-socjeta' intimata lanqas biss kienu nfurmawha kemm kienet tiswa l-hsara fl-istess lift.

Illi f'seduta sussegwenti l-istess xhud stqarret illi l-valur ta' door damper kienet ta' € 116.69 eskluz l-VAT pero fil-mori tad-differiment s-socjeta' intimata kienet fil-fatt nstallat l-istess part

ghalhekk din il-parti tal-pendenza kienet giet rizolta. Illi x-xhud zemmet ferm it-talba ghal danni morali peress illi r-rikorrenti xorta ma setghetx tuza sew il-lift u dan peress illi s-socjeta' intimata baqghet ma tat l-ebda assigurazzjoni illi lift ma jieqafx jahdem f'kaz li jinqata id-dawl. Illi Emanuel Deguara in rapprezentanza tas-socjeta' intimata xehed bilgurament fejn huwa informa illi l-kawza tal-lift li ma kienx qed jahdem kien door damper li fil-mori tad-differiment kien tranga. Huwa jghid illi l-lift ghandu 17 il-sena u s-socjeta' intimata ma ghandiex tinzamm responsabbli ghad-danni gialadarba r-rikorrenti ma kelliex maintenance agreement maghhom.

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal jinnota illi parti mill-kontroversja li ghandu quddiemu giet rizolta fil-mori u dan peress illi l-part ossija door damper gie installat missocjeta' intimata. Ghalhekk jifdal biss jigi deciz t-talba ghal danni morali.

Illi s-socjeta' intimata tiddefendi ruha minn din it-talba ghall-fatt illi rrikorrenti ma Kelliex maintenance agreement u ghalhekk: "m'ghandix ninzamm responsabbli ghal danni jekk meta cemplet ir-rikorrenti ma stajtx naqdiha mill-ewwel".

Illi t-Tribunal jinnota illi l-hsara fil-lift giet rrapportat mir-rikorrenti f'Dicembru tas-sena 2018 filwaqt illi l-part giet mibdula f'Novembru 2019 - 11 il-xahar wara. Illi t-Tribunal ma jistax jaqbel mar-ragunament tas-socjeta' intimata illi l-fatt li r-rikorrenti ma kelliex maintenance agreement allura hija ma ghandix tkun responsabbli ghal ebda danni, wara kollox anki fin-nuqqas ta' maintenance agreement ir-rikorrenti xorta wahda hija konsumatur talistess socjeta' intimata.

Illi di piu' t-Tribunal jinnota illi anke fl-email mibghuta minn Emmanuel Deguara [Ara Dok A] l-istess socjeta' intimata filwaqt li ghamlet riparazzjonijiet fil-lift xorta mhux tghati garanzija illi l-lift jibqa jahdem f'kaz li jinqata' d-dawl: "The door closer affects the lift operation but not the evacuation procedure and hence because the door closer was changed I cannot guarantee that the evacuation will not fail after an electrical power failure".

Illi bla dubju li tali dikjarazzjoni, wara li l-istess lift gie ezaminat mis-socjeta' initimata tant illi l-istess socjetaghamlet r-riparazzjonijiet necessarji jhallu lirrikorrenti perplessa, anzjuza u jillimitaw lir-rikorrenti fit-tgawdija talpropjeta' taghha.

Illi t-Tribunal jirrileva illi t-talba tar-rikorrenti ghal danni morali hija flammont ta' sebgha mitt Euro (€ 700). Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghallArtikolu 21 (2) tal-Att ghall Affarijiet tal-Konsumatur, Kap 378 tal-Ligijiet ta'
Malta li jishaqq: "Tribunal jista', meta jaqtal-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu, jordna lill-kummerċjant iħallas lill-konsumatur ammont li ma jkunx inqas minn ħamsa u tletin euro(€35) u mhux iktar minn ħames mitt euro (€500) bħala danni morali għal kull ħsara, deni, ansejtà u inkonvenjenza."

Illi fic-cirkustanzi t-Tribunal jikkunsidra illi r-rikorrenti soffriet ansejta u inkonvenjenza ghal xhur shah b'uzu ftit li xejn tal-istess lift u ghalhekk qed jillikwida danni morali fl-ammont ta' mitejn Euro (€ 200)

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba in parte tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn Euro (€ 200) bhala danni morali. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jkunu a karigu tas-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg
Arbitru